MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 182/2013

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs.**

**Elaine Lanzon K.I. 454276(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas tas-somma ta' ħames mitt Ewro (€500.00), mingħand il-konvenuta – in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C51054264 mogħtija mis-socjeta` attriċi lill-konvenuta.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-

Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi.

Ra illi l-konvenuta permezz ta’ nota ppreżentata fir-Reġistru ta’ dan it-Tribunal datata 29 t’April 2013 ammettiet it-talbiet attriċi hekk kif dedotti.

Għaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi is-somma ta’ ħames mitt Ewro (€500.00), bl-imgħax legali dekorribbli mit-2 t’ Ottubru 2012, li hija d-data tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi, numerata 2252/12, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi, numerata 2252/12, huma a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------